# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.13

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin !**

**Lezzjoni 4.13: X'jgħid Ġesù dwar il-ħbieb?**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Isiru konxji li Ġesù jgħallimna li l-ħbieb jħobbu lil xulxin.
2. Jitgħallmu li meta nuri rispett lil sieħbi, nkun qed nirrispetta lil Ġesù wkoll.
3. Jagħrfu li n-nies ta' madwari jinġibdu lejja meta jien nirrispetta lil kulħadd.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Starboard presentation: X'jgħid Ġesù dwar il-ħbieb?
- Xi karti wżati minn banda waħda bi tliet forom ta' qlub fuq kull waħda.
- Kanzunetta : Ejja nħobbu lil xulxin.
- Karta Addizzjonali: X'jgħid Ġesu' dwar il-ħbieb?



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni bl-ewwel paġna tal-iStarboard Presentation: **Ħobbu lil xulxin.** It-tfal jilagħbu logħba fejn iridu jippruvaw jaqtgħu x'inhu jgħid Ġesù. Il-konsonanti fil-bużżieqa tat-taħdit huma kollha mgħottijin bi stampi ta' qlub. Din il-logħba tista' tieħu s-sura ta' **Hang the man** (imma flok jgħallqu raġel iridu jgħaqqdu n-numri minn wieħed sa għaxra biex jifformaw qalb). It-tfal jistgħu :jikxfu l-qlub waħda,waħda sakemm jindunaw x'inhu jgħid Ġesù jew inkella, jgħidu konsonanti li jaħsbu li qegħdin fil-frażi (bħal *Hang the man* oriġinali). Jekk it-tfal jirnexxilhom jaqtgħu x'inhu jgħid Ġesù qabel ma jiffurmaw il-qalb kollha ikunu rebħu.
- Aqsam il-klassi f'timijiet biex jilagħbu din il-logħba. Imma biex tilħaq l-għan aħħari tal-lezzjoni(Ħobbu lil xulxin) aktar jagħmel sens illi l-klassi kollha tkun tim wieħed u jiġbdu ħabel wieħed. B'hekk fl-aħħar kollha jħossuhom rebbieħa.



## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

Wara illi jkunu kixfu l-frażi li għallimna Ġesù(Ħobbu lil xulxin), l-għalliema turi lit-tfal sitwazzjonijiet konkreti fil-ħajja ta' kuljum, fejn huma jistgħu jiftakru u jfakkru lil ħaddieħor din il-frażi.(eż. Meta xi ħadd jibbulja lil sħabu, meta jħallu lil xi ħadd barra mil-logħob, meta jiġġieldu l-ġenituri eċċ).



- Ma' kull stampa jkollhom il-frażi **Ħobbu lil xulxin** bil-vokali/konsonanti neqsin jew b'xi ittri fil-kliem imgerfex jew bil-kliem imħawdin. It-tfal iridu jirranġaw il-frażi li qal Ġesu' biex b'hekk ikunu jistgħu jgħiduha lil dawn il-persuni fl-istampa li qed juru nuqqas t'imħabba lejn xulxin.
- Stedinhom ikantaw il-kanzunetta **Ejja nħobbu lil xulxin** fuq *Mary had a little lamb.*
- Ikkondludi billi jekk trid,  qassam xi tlitt iqlub żgħar lil kull tifel u tifla. It-tfal ipinġuhom u jiktbu **Ħobbu lil xulxin** fuqhom, imbagħad jagħtuhom lil tlieta minn sħabhom. Importanti li kulħadd ikollu imqar qalb waħda.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù għallimna biex inħobbu lil xulxin.
2. Meta niġġieldu, nibbuljaw, ma nsellfux, inħallu lil xi ħadd barra mil-logħob, ma nkunux qed nuru mħabba.
3. Inħobb lil kulħadd u nfakkar lill-oħrajn fit-tagħlim sabiħ ta' Ġesu'.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Kemm hu sew li  nġibu ruħna tajjeb ma'  kulħadd

Kemm hu sew li nirrispetta  lil kulħadd.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanta fuq *Mary had a little Lamb*

Ejja nħobbu lil xulxin,

Lil xulxin, lil xulxin.

Ejja nħobbu lil xulxin.

Għax hekk jixtieq Ġesù.



## Nitolbu

Grazzi Ġesu talli tħobbna ħafna. Tant ħabbejtna li mitt fuq is-salib għalina. Għinni ħalli nħobb lil kulħadd bħalek.